# LIX-XITA

*Ta'* Vincent Ungaro

Tinżel kull tant tħabbat maż-żgieg tat-twieqi
U traxxax il-jum kollu rqiq irqiq
Oħrajn tfawwar l-ibjar, tifqa' l-egħlieqi
U timla t-toroq kollha tajn u żlieq.

Il-bidwi jħobb jarak timlielu s-swieqi
Mingħajr ma tinżel mgħaġġla 'nkella sfiq;
Ix-xiħ, miskin, jisħet it-temp qarrieqi
Għaliex ixxarrbu għasra f'nofs ta' trieq.

Għidli daqsxejn. Tħoss int il-qabża kbira
Li tnizżlek mis-Smewwiet sabiex tarana?
Taf xejn li tiġi hawnhekk f'daqsxejn ta' gżira?

Naf jien: Jien naf Min jibgħat lilek magħna:
Alla jibagħtek hawn, fuq din l-art fqira
Għax ħadd ħlief Alla waħdu ma jitmagħna.

5. xi. 49.